# FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

## Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)

**Illum 22 ta' Ġunju 2022**

**Appell numru 346/2022**

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Warren Abraham SCICLUNA**

**Il-Qorti rat is-segwenti:**

### A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell ta' Warren Abraham SCICLUNA (detentur bil-karta tal-identita' bin-numru 382369M) minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-8 ta' Lulju 2022, fejn ġie mixli talli:

F'dawn il-Gżejjer nhar is-6 ta' Awwissu 2021, u fil-ġranet u x-xhur ta' qabel u wara ġewwa r-residenza 35, Triq Ir-Repubblika, Rabat, Malta : -

i) Mingħajr il-ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi iżda biss biex jeżerċita dritt li jippretendi li għandu, ġiegħel bl-awtorita' tiegħu nnifsu lil xi ħadd iħallas dejn jew jeżegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun fixkel lil Melanie Scicluna fil-pussess ta' ħwejjiġha b'xi mod ieħor kontra l-Liġi jew indaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor, Kap 9 sec 85(1);

ii) U aktar talli b'għemil doluż għamel att li bin il-kunsinna dovuta ta' oġġett postali ma ħalliehx isir jew ġie mdewwem milli ssir Kap 254 sec 62h.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, sabet lill-imputat appellant SCICLUNA ħati tal-imputazzjonijiet kif miġjuba kontra tiegħu u wara li rat l-Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 62h tal-Kapitolu 254 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat appellant ħati u kkundannatu, fuq l-imputazzjoni numru (1) għal multa ta' elfejn Euro (€2000) u fuq l-imputazzjoni (2), għall-multa ta' tliet elef Euro (€3000).

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi l-appellant SCICLUNA appella minn din is-sentenza fejn talab lil din il-Qorti sabiex joġgħobha tħassar, tannulla u tirrevoka s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u konsegwentement tilliberah minn kull ħtija u piena jew alternattivament u f'każ li dina l-Onorabbli Qorti ma tilqax dan l-appell hekk kif interpost, tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma dik il-parti fejn sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u tvarjaha f'dik il-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u ġusta skont iċ-ċirkostanzi tal-każ u dan wara li stqarr is-segwenti (in suċċint) : -

(i) **L-ewwel aggravju: mankanza tal-elementi tar-reat ta' ragion fattasi:** biex jiġi ppruvat dan ir-reat iridu jissussistu l-erba' elementi ta' dan ir-reat skont kif esposti fil-ġurisprudenza ċċitata stante li tali elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi u dawn l-elementi jridu jiġu ppruvati lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Illi fl-umli opinjoni tal-appellant, ma jirriżultax li jissussistu l-elementi kollha li jsawwru r-reat taħt l-Artikolu 85(1) tal-Kap. 9. Dan għaliex ma jirriżultax li l-appellant wettaq att ester sabiex jimpedixxi lil parte civile mid-dritt li hija kellha tgawdi dawn il-vouchers tal-Gvern għaliex il-Prosekuzzjoni kellha tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-appellant irċieva u eventwalment fetaħ il-posta indirizzata lil parte civile. Lanqas hemm prova sodisfaċenti li dawn il-vouchers verament waslu għand l-esponent u li huma sarrafhom. Dak li jirriżulta huwa li l-appellant aġixxa in bwona fede u dan meta huwa mposta l-oġġett postali li kien indirizzat lil parte civile u li allegatament kien jikkontjeni l-vouchers tal-Gvern lura fil-kaxxa postali tal-Maltapost u dan anki tenut kont li l-appellant ma kienx jaf

l-indirizz residenzjali l-ġdid tal-parte civile u li anke l-parte civile stess iddikjarat fix-xhieda tagħha li huma ma kienux jitkelmu;

(ii) Lanqas jista' jingħad li l-att estern allegatament mwettaq mill-appellant sar bid-dissens espliċitu jew impliċitu ta' dik il-persuna u dan stante li kienet il-parte civile li naqset milli tissalvagwardja d-dritt tagħha billi l-karta tal-identita' tagħha ma tindikax l-indirizz residenzjali l-ġdid tagħha u dan anki wara numru ta' snin li mgħadhiex tirrisjedi fil-fond in kwistjoni u dan bil-konsegwenza li oġġett postali tagħha għadha tirċevihom fil-fond fejn hija mgħadhiex tabita. Lanqas ma jista' jingħad li hemm provi li juru li l-appellant emmen li qiegħed jaġixxi bi dritt u wisq anqas li huwa di proprio braccio għamel dak li messu sar permezz ta' awtorita' pubblika;

(iii) Illi barra minn hekk lanqas jirriżulta li jissussisti r-raba' element u dan peress li l-att allegatament imwettaq mill-appellant jinkwadra ruħu f'reat iktar gravi, dak ikkontemplat fl-Artikolu 62h tal-Kap. 254 tal-Liġijiet ta' Malta.

(iv) **It-tieni aggravju: mankanza tal-elementi tar-reat taħt l-Artikolu 62h tal-Kap. 254 tal-Liġijiet ta' Malta**: għal dak li jirrigwarda l-azzjoni a bażi tal-Artikolu 62(h), kollox jiddependi mill-element intenzjonali u ċjoe' li l-persuna jrid ikun b'għemil doluż dewwem posta milli tiġi mqassma. Illi l-appellant jikkontendi li l-ewwel net il-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-actus reus u cjoe' li l-vouchers in kwistjoni waslu verament f'idejn l-appellant u t-tieni nett anki li kieku l-allegazzjoni li tali vouchers waslu għand l-appellant ġiet ippruvata, l-Liġi ma tieqafx hemm u dan għaliex mhux kull azzjoni li ma tkunx xierqa iġġib magħha responsabilitajiet taħt il-liġi penali. Illi għalhekk għal dan ir-reat il-Liġi teżiġi li traskuraġni u negliġenza ma humhiex biżżejjed sabiex wieħed jinstab ħati u dana għaliex jrid jiġi essenzjalment ippruvat li l-appellant intenzjonalment u dolożament wettaq l-att in kwistjoni.

(v) **It-tielet aggravju: nuqqas ta' apprezzament tal-provi**: illi mill-provi prodotti jirriżulta li l-parte civile kienet ilha ma tirrisjedi f'dik ir-residenza għal numru ta' snin u lanqas ma biddlet l-indirizz fuq il-karta tal-identita' tagħha. Mill-provi ma rriżultax li l-appellant effettivament irċieva posta indirizzata lil parte civile li kienet tikkontjeni vouchers li ħareġ il-Gvern fil-2021 tant li l-inkwilin tal-fond in kwistjoni xehed bil-ġurament li ma jiftakarx jekk il-posta reġistrata li kien irċieva u ffirma għaliha u wara għadda lill-appellant kinitx indirizzata lil parte civile. Anki mill-istqarrija tal-istess appellant ma jirriżultax li huwa kien jaf x'kien il-kontenut tal-oġġetti postali li kien għaddilu inkwilin; lanqas ma hija korretta l-ewwel Qorti meta qalet li ma kellha l-ebda dubju li l-imputat kien jaf x'fih l-envelope li ffirma għalih l-inkwilin tal-fond in kwistjoni u għadda lill-appellant kien jikkontjeni l-vouchers li kien qiegħed jagħti l-Gvern. L-ewwel Qorti ma tistax tasal għall-konklużjonijiet li dwarhom ma tkunx inġabet prova konkreta. Illi l-ewwel Qorti rreteniet li l-obbligu kien tal-imputat li jgħaddi l-posta lil min kien intitolat għaliha jew għal lanqas jirritorna l-posta fl-uffiċju tal-Maltapost sabiex jeżimi ruħu minn kull responsabilita'. Illi jidher li hawn ma ħaditx konjizzjoni tal-istqarrija tal-appellant fejn qal li hekk kien għamel.

(vi) Illi l-appellant ma għamel l-ebda dikjarazzjoni falza meta kiteb li l-parte civile ma kinitx għadha tirrisjedi f'dak il-fond u aġixxa in bwona fede u skond il-prassi magħrufa meta tefa' oġġetti postali indirizzati lil parte civile lura fil-posta u allura ma għandux jiġi penalizzat.

(vii) In oltre jrid jingħad li fil-każ in diżamina mix-xhieda tar-rappreżentant tal-Mimcol li hija l-aġenzija nkarigata mil-ħruġ tal-imsemmija vouchers tal-Gvern, ma rriżultax li huma kellhom xi informazzjoni li l-vouchers in kwistjoni kienu ġew imsarrfa.

(viii) Illi in vista tas-suepost u fin-nuqqas ta' provi l-appellant kellu jiġi liberat minn kull akkuża fil-konfront tiegħu u dan stante li hekk kif amplifikat fl-Ewwel u fit-Tieni Aggravju ta' dan l-appell, l-elementi rikjesti mil-liġi kienu mankanti.

**(ix) Ir-raba' aggravju: il-piena eċċessiva.**

## D. L-IRWOL TA' DIN IL-QORTI, IL-PRINĊIPJI LEGALI BAŻIĊI LI DIN IL-QORTI SSEGWI U LI FUQHOM TASAL GĦAD-DEĊIŻJONIJIET TAGĦHA

4. Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni. Ir-rwol tagħha huwa li tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati. Din il-Qorti ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta din tkun għamlet apprezzament korrett tal-provi li jkunu inġiebu quddiemha. Dwar l-irwol ta' din il-Qorti bħala Qorti tal-Appell Kriminali, fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Emanuel ZAMMIT** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal hekk:

---

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u r-**Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan** et, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed",

kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

5. Għalhekk bħala regola[2] din il-Qorti tal-Appell Kriminali ma tagħmilx evalwazzjoni ġdida tal-provi u tiddeċiedi l-każ hi mill-ġdid b'mod li tissostitwixxi dak ix-xogħol li tkun għamlet il-Qorti tal-Maġistrati qabilha. Il-Liġi timponi l-obbligu fuq il-Qorti tal-Maġistrati li tagħmel l-analiżi tal-provi u tal-argumenti legali fil-kawża biex imbagħad tkun dik il-Qorti li tasal għall-konklużjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew mhux ħati tal-imputazzjonijiet li jkunu inġiebu għall-ġudizzju tagħha. Imbagħad jekk xi parti tħossha aggravata minn dik is-sentenza, il-Liġi tipprovdi r-rimedju ta' reviżjoni ta' dik is-sentenza quddiem din il-Qorti. Għalhekk bħala regola, ir-rwol ta' din il-Qorti mhux dak li tissostitwixxi x-xogħol li tkun għamlet il-Qorti tal-Maġistrati iżda li tirrevedi x-xogħol li jkun sar minn dik il-Qorti biex tara jekk il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx, legalment u raġonevolment, tasal għall-konklużjonijiet li tkun waslet għalihom. Din il-Qorti tagħmel dan billi tistħarreġ hi stess il-provi li jkunu inġiebu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u l-argumenti li jkunu saru quddiemha. Tant hu hekk li huwa biss f'każijiet eċċezzjonali li din il-Qorti tista' taċċetta li jiġu prodotti provi ġodda fi stadju ta' appell.[3]

6. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, **anke jekk in bażi tal-istess provi din il-Qorti setgħet tasal għal konklużjonijiet**

---

u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il-verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.
[3] U dan biss fil-parametri tar-restrizzjonijiet imsemmija fl-artikolu 424 tal-Kodiċi Kriminali.

**differenti**, din il-Qorti xorta ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, u waslet għal konklużjoni jew waħda mill-konklużjonijiet li hija setgħet legalment u raġonevolment tasal għalihom in bażi għall-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha u allura tkun waslet għal konklużjoni li fiċ-ċirkostanzi tal-każ kienet korretta jew waħda mill-konklużjonijiet korretti li setgħet tasal għalihom, din il-Qorti ma tkunx tista tibdel dik il-konklużjoni sempliċiment għaliex ma tkunx taqbel magħha għax kienet konklużjoni differenti minn dik li din il-Qorti kienet tasal għaliha li kieku kienet qed tiddeċiedi hi l-każ.

7. Apparti minn hekk il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati. Biex il-konklużjoni tal-Qorti tal-Maġistrati tkun tista' tiġi mibdula fl-istadju tal-appell, din il-Qorti trid tkun konvinta li, in bażi għall-provi u l-argumenti legali li tresqu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, dik il-Qorti ma tkunx setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet in kwantu bħala riżultat ta' dawk il-provi il-konklużjoni li tkun waslet għaliha l-Qorti tal-Maġistrati ma setgħetx tkun dik jew waħda minn dawk li tkun waslet għalihom. Dan allura jfisser li biex din il-Qorti tkun tista' tirrevedi jew tibdel dik il-konklużjoni jkun irid jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati tkun b'xi mod żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha. Huwa frott ta' dan l-iżball li jkun sar mill-Qorti tal-Maġistrati li allura jagħti lok lil din il-Qorti tqis li ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet li jkunu ġew milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. F'dak il-każ allura ma jkunx jista' jingħad li l-Qorti tal-Maġistrati tkun setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha biex b'hekk, din il-Qorti bħala Qorti tal-Appell Kriminali u allura qorti ta' reviżjoni jkollha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[4]

[4] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina,** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak,** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta'

8. Din il-Qorti trid allura tara jekk u safejn dawn il-provi li jkunu prodotti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati jkunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali. Allura trid tistħarreġ kemm dak il-provi jkunu legalment ammissibbli kif ukoll sostantivament rilevanti.

9. L-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża:

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

10. Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li bħala regola għandha tinġieb il-prova l-iktar sħiħa u sodisfaċenti li l-każ ikun jagħti kif ukoll li ma jitħalla barra ebda xhud li x-xiehda tiegħu tkun importanti. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, jekk ix-xiehda tiegħu tiġi emnuta minn min ikun irid jiġġudika l-każ, allura din ix-xiehda titqies li tkun biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqslikieku l-fatt ikun ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Għalhekk huwa legalment korrett u permissibbli li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss. Dan il-prinċipju ġie konfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati iddeċidew fil-passat.[5]

11. Meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-**best evidence rule**, ċjoe jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

---

Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

[5] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bonavia** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; **Il-Pulizija vs Antoine Cutajar** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

> Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.

12. Illi allura l-aħjar prova u l-prova l-iżjed sħiħa bħala regola tmur lil hinn minn prova li tkun milquta mir-regola tal-esklużjoni tal-**hearsay evidence**. Fil-fatt din ir-regola tiġi applikata fil-kamp penali Malti b'manjiera partikolari. L-artikoli 598 u 599 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12) li jirregolaw **il-hearsay evidence**, u reżi applikabbli fi proċedimenti quddiem Qrati ta' Ġustizzja Kriminali bis-saħħa tal-artikoli 520(1)(d) u 645 tal-Kodiċi Kriminali jgħidu kif ġej:

> **598.** (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk ilfatti.
>
> (2) Il-qorti tista', ex officio, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bhal dawk.
>
> (3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk ilmistoqsijiet.
>
> **599.** Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, ta' żwieġ, ta' mewt, ta' assenza, ta' servitù, ta' rjieħ ta'immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta'reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.

13. Fil-kawża deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Janis Caruana** tal-14 ta' Mejju 2012 mill-Imħallef Lawrence Quintano il-kwistjoni tal-**hearsay evidence** kienet ġiet indirizzata b'dan il-mod:

> 21. Bir-rispett kollu, il-hearsay rule tagħna (fl-artikolu 599) mhix daqshekk riġida daqs kemm wieħed jaħseb. Fil-fatt l-ewwel parti ta' dan l-artikolu jgħid hekk:
> '599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra,'

22. Fil-fatt fil-kawża 'Joseph Mary Vella et versus il-Kummissarju tal-Pulizija' il-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Jannar 1988 qalet hekk:
'Issa, fil-każ preżenti, si tratta ta' depożizzjoni ta' xhud dwar x'qallu ħaddieħor li ma jistax jiġi prodott minħabba li x-xhud ġie marbut bis-sigriet professjonali fuq l-identita' ta'dan il-ħaddieħor. Ċertament il-klem ta' dan il-ħaddieħor jistgħu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ikollhom importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża. Għalhekk il-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi millkonlużjoni tal-ewwel qorti ( li tħalli lil dan ix-xhud jiddeponi).'

23.Ukoll fl-Ingilterra u f'Wales ir-regola tal-hearsay m'għadhiex stretta daqsa qabel. Il-Qorti Europea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ' Al-Khawaja and Tahery versus the United Kingdom' tal-15 ta' Diċembru 2011 (deċiżjoni tal-Grand Chamber) qalet hekk f'pargrafu 130:

'However, the Court notes that the present cases have arisen precisely because the legal system in England and Wales has abandoned the strict common law rule against hearsay evidence. Exceptions to the rules have been created, notably in the 1988 and 2003 Acts, which allowed for admission of ST's statement in Al-Khawaja's case and T's statement in Tahery's case.'

24. Fil-każ ta' Al-Khawaja, ST kienet għamlet rapport lill-Pulizija numru ta' xhur sewwa wara li kienet allegatament assaltata minn tabib. ST għamlet suwiċidju qabel il-ġuri. L-Imħallef li ppresieda ħalla li jinqara r-rapport waqt il-ġuri u ta direzzjonijiet appożiti. (Ara paragrafi 9 -19 tal-istess sentenza). Il-Grand Chamber ma sabitx vjolazzjoni talartikolu 6 (ara par.158 tas-sentenza).

25. Issa, jekk wieħed janalizza s-sitwazzjoni fil-każ li jinsab fil-preżent quddiem il-Qorti, ir-rapport bl-ebda mod ma jgħid li min għamel ir-rapport dwar is-serqa indika lill-appellant. Kieku kien hekk ir-rapport kien ikun prova li sar it-tali kliem iżda mhux prova li l-appellant wettaq is-serqa għalkemm l-istess rapport kien ikun jista' jintuża biex jikkorobora provi oħra. (Ara: Subramianiam v Public Prosecutor (1956) 1.W.L.R.956 at 969, PC).2 Fir-rapport odjern m'hemmx xi allegazzjoni bħalma ma għamlet ST fil-każ 'Al-khawaja vs UK' jew xi sitwazzjoni simili għal dak li aċċettat il-Qorti Kostituzzjonali. Hawn għandna biss rapport li saret is-serqa, ta' xhiex, fejn u meta. Min għamel ir-rapport mhux Malti, ma semma lil ebda persuna bħala suspettat, u ma jistax joqgħod jinġieb Malta biex jikkonferma li saret serqa ta' laptop. Terġa' min għamel irrapport ma joqgħodx f'xi pajjiż fil-viċin.

26. Għalhekk il-Qorti, wara li rat iċ-ċirkostanzi tal-każ, u wara li rat l-artikolu 599 tal-Kap 12 res applikabbli għall-Kap 9, qed tiddeċiedi li fil-proċess teżisti prova li hija ammissibbli. Ir-rapport huwa prova li saret is-serqa u ta' xejn aktar.

14. Oltre minn hekk fis-sentenza tal-Qorti Kriminali deċiża nhar l-24 t'Ottubru 2011 fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Azzopardi** ġie deċiż is-segwenti:

Li l-artikoli relevanti dwar il-Hearsay Rule huma l-artikoli 598 u 599 tal-Kap 12 reżi applikabbli għall-Kap 9 bl-artikolu 645 tal-Kap 9.

Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b'approvazzjoni dwar il-hearsay rule f'kawżi ta' natura kriminali huwa Subramaniam v. Public Prosecutor fejn insibu dan il-kliem:

‘Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.’

Jekk wieħed jimxi mal-prinċipji ta’ dan il-każ allura ċerti persuni li magħhom ikun tkellem l-allegat vittma jistgħu jkunu prodotti (per eżempju, psikologu, għalliem jew social worker, il-ġenituri jew qraba fil-qrib tal-allegat vittma). Dawn jistgħu jixhdu li l-allegat vittma tassew qal hekk. Tali xhieda hija biss prova li l-allegat vittma tassew qal hekk, iżda mhux li dak li qed jgħid l-allegat vittma huwa tassew minnu. Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista’ jikkonkludi li l-hearsay rule fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U filfatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi il- każ ‘Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija’ (13 ta’ Jannar 1988) fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim’Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali. Peress li d-depożizzjoni, li tista’ tkun hearsay, tista’ tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi esklusa flistadju tal-eċċezzjonijiet preliminari.

F’dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu il-prattika dwar il-hearsay rule. (Ara dwar dan il-punt: Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:’

Fil-limit tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta’ dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma’ provi u ċirkostanza oħra tista’ wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.’ (1 t’April 2011 ‘Il-Pulizija versus Fabio Schembri’ preseduta mill-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri).

15. Apparti dan fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Angelus Vella**, deċiża nhar it-30 ta’ Lulju 2015, ir-regola dwar il-**hearsay evidence** ġiet spjegata b’dan il-mod kwantu sempliċi daqskemm ċar:

Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta’ x’qal ħaddieħor tikkostitwixxi hearsay evidence iżda jekk dak rapportat hux hearsay evidence jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun hearsay evidence u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta’ data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx hearsay evidence u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra.

16. Huwa għalhekk li qabel xejn allura l-provi fi proċedimenti kriminali trid tkun l-aħjar prova u l-prova l-iżjed sħiħa. Biss dan ma jfissirx li f'ċerti każijiet dawn il-provi ma jistgħux iwasslu għal xi konflitt fil-provi prodotti. Kif gie ritenut fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne:**[6]

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

17. L-għan li titressaq l-aħjar prova u dik l-aktar sħiha huwa li kemm jista' jkun fil-proċess kriminali toħroġ il-verita storika. Iżda din hija l-ikbar sfida li jkollhom dawn il-Qrati minħabba li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal li tiġi skoperta dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb tiegħu. Minħabba f'hekk jeżisti r-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx id-don li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. U l-Qrati huma marbuta li fid-deċiżjonijiet tagħhom jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom.

18. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija mnisla mis-sistema Ingliż fejn persuna akkużata tista' tiġi misjuba ħatja biss meta fil-każ tagħha tkun inġiebet l-aħjar prova u dik l-aktar sħiħa u li bis-saħħa tagħha l-ħtija ta' dik il-persuna tkun ġiet pruvata **<u>lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni</u>**. Biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali **<u>ma teħtieġx</u>** li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi Maltija teħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali ssib akkużat ħati din trid tkun ċerta - lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni - "sure" fis-sistema Legali Ingliż,[7] li l-każ ikun seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni. Dan huwa l-livell ta' konvinċiment meħetieġ mill-Liġi biex tinstab ħtija; livell ta' konvinċiment li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet. Għalhekk biex tkun tista' tinstab ħtija fl-akkużat il-grad ta' suffiċjenza probatorja trid twassal lil min irid jiġġudika l-fatti li jħossu ċert, "sure", mill-ħtija tal-akkużat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.

---

[6] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.
[7] **R v Majid**, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2

19. Fil-każ Ingliż **Majid**,[8] Lord Moses stqarr hekk:

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

20. Inoltre, fil-ktieb tagħhom **The Modern Law on Evidence**, Adrian Keane u Paul McKeown[9] jgħidu s-segwenti:

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

21. Il-livell ta' konvinċiment fil-livell ta' "sure" mhux ġdid għas-sistema Penali Malti fejn saħansitra l-Imħallef William Harding fis-sentenzi tiegħu kien jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju tal-konvinċiment sal-grad **tas-sikurezza**. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Peralta** deċiż mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal **b'sikurezza** għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat ta' ħtija tal-imputat biex b'hekk ġja mill-1957 dik il-Qorti kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mal-grad ta' konvinċiment lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll anke illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

22. Livell ta' konvinċiment inqas minn dak tas-sikurezza huwa l-livell tal-bilanċ tal-probabbilitajiet. Dan huwa l-livell ta' konvinċiment li huwa meħtieġ li jintlaħaq mid-Difiża fil-każ li din tagħżel li tressaq prova jew argument favur l-akkużat. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, b'mod li minħabba f'hekk Qorti ta' Ġustizzja Kriminali ma jkollhiex dik is-sikurezza fil-ħtija tal-akkużat, allura f'dak il-każ, dik il-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat u għandha tgħaddi sentenza li l-akkużat ma jkunx ħati. U huwa biss meta jkun hemm **id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u**

[8] ibid.
[9] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

**b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża** li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija konvinċiment lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

23. Issa l-Liġi tafda primarjament f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi u l-ġudizzju dwar jekk l-imputat huwa ħati jew mhux ħati tal-imputazzjonijiet li jkunu ġew miġjuba kontra tiegħu. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, in kwantu tkun il-Qorti ta' ġurisdizzjoni dwar il-meritu tal-każ partikolari, tkun fl-aħjar qagħda li tqis u tevalwa l-provi kollha għaliex, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Dik il-Qorti hija fdata bl-irwol li tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li bħala regola din il-Qorti – in kwantu hija Qorti ta' reviżjoni – ma jkollhiex l-opportunita li tagħmel.

24. U minn dan joħroġ kemm huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi, apprezzament tax-xiehda u l-eventwali deċiżjoni fil-meritu dwar il-ħtija tal-imputat f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. U huwa għalhekk ukoll li dan l-eżerċizzju li jsir minn dik il-Qorti fih responsabilita kbira; u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, b'mod li allura dak l-eżerċizzju ta' analiżi u skrutinju ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq. Kif spjegat iżjed il-fuq jiġi disturbat meta din il-Qorti ta' reviżjoni tara li d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati ma tkunx waħda minn dawk li legalment u raġonevolment setgħet tasal għalihom.

25. Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn dik il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-Appell ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża **Il-Pulizija vs. Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti ta' appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti:

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem,

p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".

26. Biex tagħlaq fuq dan il-punt, din il-Qorti tirreferi għall-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deċiż nhar is-7 ta' Marzu 2002 fejn dwar l-irwol aħħari ta' din il-Qorti tal-Appell bħala qorti ta' reviżjoni tas-sentenżi tal-Qorti tal-Maġistrati intqal li:

> F'dan l-ezercizzju pero' din il-Qorti ser issegwi l-insenjament ta' din il-Qorti diversament preseduta u dik tal-Qorti tal-Appell Kriminali minn appelli mill-Qorti Kriminali u cioe' li il-funzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti mhux li terga taghmel gudizzju mill-gdid fuq il-kaz partikolarment ghal dak li jirrigwarda il valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-kaz, imma biss li tillimita ruha li tara jekk id-decizjoni tal-ewwel Qorti hix "unsafe and unsatisfactory" fuq il-bazi tar-rizultanzi fil-prim'istanza. Mhux bizzejjed li din il-Qorti jista' jkollha opinjoni differenti mill-ewwel Qorti ghal dak li jirrizulta mill-provi, ghax, jekk l-ewwel Qorti setghet ukoll xorta wahda tasal ghad-decizjoni li waslet ghaliha fuq il provi li kienu quddiemha, mhux il-funzjoni ta' din il-Qorti li tissostiwixxi tali decizjoni bid-decizjoni taghha.

## E. IL-KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

27. Illi nhar is-6 ta' Awissu 2021, Melanie Scicluna irraportat fl-Għassa tar-Rabat kif hija kellha informazzjoni li l-'vouchers' tal-MIMCOL li jibgħatilha l-Gvern, kien irċeviehom xi ħadd ieħor hekk kif jidher li xi ħadd li mhiex hi kien ffirma għalihom. Hija pprovdiet it-tracking number tal-Maltapost bħala li kien RR429989454MT liema tracking number kien juri li dawn il-vouchers kienu ġew riċevuti nhar il-21 ta' Ġunju 2021 fl-indirizz fejn kienet tgħix qabel ġewwa 35, Triq Ir-Repubblika Ir-Rabat, Malta fil-ħin ta' 15.02hrs.

28. Illi Melanie Scicluna rraportat ukoll kif hija kienet ilha nieqsa minn din ir-residenza fejn hija kienet tirrisjedi flimkien mal-ex raġel tagħha nonche' l-appellant Warren Abraham SCICLUNA u stqarret ukoll li ma kinitx ċerta jekk f'dik ir-residenza kienx baqa' jgħix l-ex raġel tagħha jew jekk din inkrietx lil terzi persuni. Illi Warren Abraham SCICLUNA ġie mitkellem mill-Pulizija fejn dan stqarr li r-residenza kienet ġiet mikrija lil ċertu Vladislav Cizek ta' nazzjonalita' Pollakka u li l-posta kien jiġborha hu u mbagħad kien jgħaddieha lilu. Meta mbagħad ġie mistoqsi rigward il-'vouchers' huwa qal li fost il-posta li għaddhielu Cizek kien hemm tlett envelopes li ma kinux indirizzati lilu u li għalkemm ma jistax jgħid x'kjen fihom għaliex huwa ma fetaħhomx, qal li jista' jagħti l-każ li dawn il-'vouchers' kienu jinsabu

hemmhekk. SCICLUNA stqarr ukoll mal-Pulizija li dawn l-ittri huwa kiteb li ma kinux ta' persuna li tgħix f'dik ir-residenza u reġa' mpostahom if dejjem kien jagħmel bil-posta kollha li kienet tirċevi Melanie Scicluna f'dak l-indirizz.

29. Illi l-Pulizija kelmet ukoll lil Vladislav Cizek li kkonferma kif huwa l-posta kien għaddieha lil Warren Abraham SCICLUNA kif dejjem għamel. Meta l-Pulizija reġgħu kelmu lil Melanie Scicluna sabiex jinfurmawha fuq xi żviluppi fl-investigazzjon tal-każ, hija tenniet magħhom li xtaqet tipproċedi penalment fil-konfront tal-ex raġel tagħha minħabba dan l-inċident tal-'vouchers' li huwa ma kienx ikkonsenjalha. Sussegwentement inħarġu l-akkużi fil-konfront tal-appellant SCICLUNA fejn tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar it-8 ta' Lulju 2022 u l-każ ġie deċiż b'dikjarazzjoni ta' ħtija fil-konfront tiegħu għar-rigward tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu.

**Kunsiderazzjonijiet tad-dritt fuq ir-reati addebitati lill-imputat appellant u li tagħhom huwa nstab ħati liema kunsiderazzjonijiet jolqtu b'mod speċjali l-ewwel tlett aggravji tal-appellant.**

30. Illi l-imputat appellant ġie mixli b'żewġ imputazzjonijiet – l-ewwel waħda ragion fattasi skont l-Artikolu 85(1) tal-Kodiċi Kriminali u t-tieni imputazzjoni naxxenti mill-allegat ksur tal-Artikolu 62(h) tal-Att dwar is-Servizzi Postali, Kapitolu 254 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Prosekuzzjoni tipprospetta li fatt ġuridiku wieħed, konsistenti fl-aġir tal-appellant illi jonqos milli jikkonsenja l-posta indirizzata lill-parte ċivile Melanie Scicluna, ta lok għall-kommissjoni ta' żewġ reati distinti u li ma jitqiesux bħala alternattivi għal xulxin.

31. Ir-reat ta' ragion fattasi jista' biss jitqies integrat kemm -il darba jiġu sodisfatti kumulativament l-elementi tiegħu kollha, inkluż li l-azzjoni magħmula di privato braccio mis-suġġett attiv tar-reat ma tkunx tikkonsisti <u>**f'reat aktar gravi**</u> – irrispettivament minn liema liġi tali reat iżjed gravi jkun tnissel. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. John Cachia**[10] ġie ritenut is-segwenti:

> Ghalhekk jekk ried ibiddel l-istato quo, l-appellant kien imissu - wara li jipprova jikseb inutilment il-kunsens tal-parte civile - rrikorra lill-Qorti w mhux jiehu il-ligi b'idejh kif ghamel. Ergo anki it-tielet rekwizit ta' dan ir-reat jirrizulta. Umbaghad l-

[10] Deċiża nhar il-15 ta' Mejju 2008

ahhar element ta' dar-reat u **cioe' li l-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi**,[11] wkoll jezisti w hadd ma allega li l-att tal-appellant jammonta ghal xi reat aktar gravi.

32. L-elementi tar-reat ta' ragion fattasi ġew ukoll ritenuti, bħala li huma s-segwenti:[12]

> a) att estern li jimpedixxi persuna ohra minn dritt li hija tgawdi u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implicitu ta' dik il-persuna;
> b) l-imputat irid jemmen li qed jagixxi bi dritt;
> c)ix-xjenza tal-imputat li qed jiehu b'idejh dak li suppost jiehu tramite l-process legali;
> **d) li l-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi;[13]**
>
> Inoltre, ir-reat ma jissustix meta l-att materjali jikkonsisti fir-ritenzjoni ta' pussess li dak li jkun gja kellu.

33. Il-kwistjoni ta' x'jikkostitwixxi "reat aktar gravi" għalkemm mhix legalment definita, hija, mill-ġurisprudenza mifhuma li tirrifletti dak ir-reat li jkun iġorr l-akbar piena erogabbli. L-akbar piena hija kunsidrata fuq żewġ livelli:

(a) dak kwalitattiv; u dak

(b) kwantitativ

skont il-ġerarkija tal-pieni preskritti fl-artikolu 7 tal-Kodiċi Kriminali.

34. Skont l-Artikolu 85(1) tal-Kodiċi Kriminali f'każ ta' sejbien ta' ħtija l-ġudikabbli jista' jeħel il-piena ta' priġunerija minn xahar sa tlett xhur; għalkemm, skont il-proviso li jsegwi, il-Qorti tista', fid-diskrezzjoni tagħha, minflok timponi terminu ta' priġunerija, tagħti l-piena tal-multa. L-ammont tal-multa mhux speċifikat. Allura l-Qorti tkun trid teroga l-multa skont l-Artikolu 11 tal-Kodiċi Kriminali, li jgħid:

> 11.(1) Fejn il-liġi ma tgħidx espressament xort'oħra, il-maximum tal-multa huwa elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittinċenteżmu (€1,164.69) u l-minimum tlieta u għoxrin euro u disgħa ugħoxrin ċenteżmu (€23.29).
> (2) Meta l-maximum ta' multa stabbilit f'dan il-Kodiċi jew f'xi liġi oħra jkun inqas minn tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu(€23.29), il-

[11] Enfasi ta' din il-Qorti.
[12] Ara fost oħrajn, **Il-Pulizija vs. Anthony Zahra** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-20 ta' Ġunju 2014, **Il-Pulizija vs. Mario Bezzina** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs. Michael Lungaro** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-15 ta' Mejju 2003 u **Il-Pulizija vs. Eileen Said** deċiża nhar id-19 ta' Ġunju 2002 ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali.
[13] Enfasi ta' din il-Qorti.

maximum ikun tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrinċenteżmu (€23.29) u l-minimum ħdax- il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu(€11.65).

35. Mill-banda l-oħra, l-Artikolu 62 tal-Kapitolu 254 tal-Liġijiet ta' Malta jippreskrivi l-piena ta' multa li tvarja bejn elf Euro (€1,000) u ħamsa u għoxrin elf Euro (€25,000) jew priġunerija għal żmien bejn xahar u tnax -il xahar jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

36. Stando mal-kriterji kwalitattivi u kwantitattivi tal-pieni previsti għal dawn iż-żewġt reati f'dan il-każ, u stante li trattasi ta fatt ġuridiku uniku li jesplika żewġ reati kriminali, jikkonsegwi li r-reat taħt l-artikolu 62(h) tal-Kapitolu 254 tal-Liġijiet ta' Malta għandu jitqies li huwa reat aktar gravi minn dak tar-ragion fattasi. B'hekk jekk jiġi integrat dak ir-reat, l-akkuża ta' ragion fattasi ma tkunx legalment possibbli u allura sejbien ta' ħtija tiegħu issir legalment insostenibbli. Mill-banda l-oħra jekk l-estremi tar-reat aktar gravi ma jkunux pruvati u allura dak ir-reat ma jkunx ritenibbli integrat, il-Qorti tkun tista' tesplora jekk ikunx hemm ukoll l-estremi għalbiex ikun jista' jitqies integrat ir-reat ta' ragion fattasi.

37. L-Artikolu 62(h) tal-Kapitolu 254 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra:

> Kull persuna li : -
>
> (h) tiftaħ b'għemil doluż jew iġġiegħel li jinfetaħ xi oġġett postali li kellu jiġi kunsinnat, jew b'għemil doluż tagħmel xi att li bih il-kunsinna dovuta ta' oġġett postali, ma titħalliex issir jew tiġi mdewwma milli ssir, jew tikkomunika jew tagħmel użu minn informazzjoni li tikseb minn oġġett postali li jkun ġie hekk miftuħ...

38. L-element materjali tar-reat jikkonsisti fit-twettieq ta' xi att li permezz tiegħu l-awtur tar-reat ma jħallix jew idewwem il-kunsinna ta' oġġett postali lid-destinatarju tiegħu. L-element formali huwa kostitwit mill-intenzjoni tal-awtur tar-reat li jwettaq l-att materjali li minħabba fih il-kunsinna tal-oġġett postali ma tkunx tista' ssir jew tiġi mdewma. Din l-azzjoni trid tkun il-frott ta' 'għemil doluż', fis-sens li dan l-att ostativ jitwettaq intenzjonalment u volutament b'mod li ma jkunx frott ta' aġir kolpuż bħal atti li jkunu magħmula b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti. Mhux meħtieġ li tiġi pruvata xi malizzja jew ħażen partikolari; iżda huwa meħtieġ li jiġi pruvat b'mod sikur li l-awtur tar-reat aġixxa b'intenzjoni pożittiva li jwettaq l-att materjali ta' dan id-delitt.

39. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Francis sive Frank Ellul** deċiż nhar id-19 ta' Frar 2003 ġie rilevat is-segwenti:

> Illi din il-Qorti diversament preseduta fl-Appell Kriminali "Il-Pulizija vs. Raymond Vella " [2.8.1999] kienet irriteniet li :- "Il-kelma "dolozament" ("maliciously" fit-test Ingliz) fl-Artikolu 138 hi intiza semplicement biex taghmilha cara li dan ir-reat hu wiehed doluz u mhux kolpuz; din il-kelma ma tfissirx li dan ir-reat jehtieg xi "malizja" jew "hazen" partikolari , oltre dak li hu rikjest ghall-finijiet tad-dolo, cioe' l-intenzjoni pozittiva diretta jew l-intenzjoni pozittiva indiretta."

40. Issa fir-rigward l-element tad-'dolo' bħala distint minn dak ta' 'culpa', il-Professur Mamo[14] jgħid hekk:

> This 'mens rea' may assume one or other of two distinct forms, namely, wrongful intention (dolus), or culpable negligence (culpa). The offender may either have done the wrongful act on purpose, or may have done it carelessly, and in each case the mental attitude of the doer is such as to make punishment effective.

41. U fir-rigward tad-distinzjoni bejn l-intenzjoni pożittiva diretta u dik indiretta, il-Professur Mamo jagħmel referenza għall-insenjamenti - prinċipalment tal-Carrara - biex jispjega din id-distinzjoni b'dan il-mod:

> But in Criminal Law it is clear that the word 'intent' is used in a wider sense. For the purpose of our science, Carrara makes a distinction between 'Direct' and 'Indirect' intention. His definition of direct intention, corresponds substantially to that given above: 'E' diretta la intenzione quando l'effetto si prevede dall'agento e si volle calcolando come conseguenza dei propri atti, i quali si esiguirono precisamente al fine di precacciare in un modo piu' o meno certo cotesta conseguenza. Intention does not cease to be direct whenever the consequences of one's act is forseen and desired, though the means used to bring about the consequences can only probably achieve the purpose. There is equally a direct intention on the part of the husband who, with the purpose of poisoning his wife, directly administers poison to her, as on the part of that other husband who, with the same purpose, puts into the house food mixed with poison in the hope that she might wat such food and die.
> .../...
> The intention according to Carrara is indirect when the event was merely a possible consequence of one's act which event was either not forseen at all or was forseen but not desired. If such an event was forseen, and notwithstanding such foresight the means were desired although the event itself ensuing upon the use of such means was not desired, the 'indirect' intention is said to be positive. If on the other hand, the possible event was

[14] Notes on Criminal Law, Volume I

not only not desired but not even forseen, the indirect intention is said to be negative.

Direct intention and (in appropriate cases) positive indirect intention give rise to dolus i.e. criminal intent. Negative indirect intention gives rise to 'culpa' i.e. negligence or to casus i.e. accident or misadventure.

42. F'dan il-każ, it-teżi prosekutorja tixli lill-appellant billi taddebitah b'atti magħmula dolożament minnu (l-għemil doluż) u li bihom il-kunsinna dovuta ta' oġġett postali (vouchers maħruġa mill-Gvern fi żmien il-pandemija Sars-Cov-2) ma tħallietx issir lid-destinatarja debita (l-eks martu Melanie Scicluna).

43. Dan l-artikolu ma jispeċifikax liema huma dawk l-atti li meta magħmula dolożament jistgħu jikkostitwixxu dan ir-reat. Iżda jrid jiġi pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-oġġett postali ma jkunx wasal għand id-destinatarju tiegħu grazzi għall-intervent doluż tal-ġudikabbli u mhux għal raġuni indipendenti mir-rieda tiegħu jew għal raġuni kolpuża tiegħu.

44. F'dan il-każ ġie pruvat b'mod sikur li l-oġġett postali reklamat kienu l-vouchers li ġew maħruġa mill-MIMCOL u li ġew mibgħuta bil-posta tramite s-servizzi tal-Maltapost plc u li anke ġew debitament konsenjati fl-indirizz postali li kien għadu jsejjaħ lid-destinatarja Melanie Scicluna fl-indirizz 35, Triq Ir-Repubblika, Ir-Rabat, Malta.

45. Ir-rappreżentanta tal-Maltapost plc, Marika Cutajar f'paġna 23 tax-xhieda tagħha ikkonfermat li l-oġġett postali de quo kien jikkonsisti f'vourchers bi tracking number RR429989454MT. Ir-rappreżentant tal-MIMCOL, Stanley Mifsud, f'paġna 30 tax-xhieda tiegħu wkoll ikkonferma dak li xehdet dwaru l-parte leża u ċjoe' li l-imsemmija 'vouchers' inħarġu f'isem persuna li ġġorr numru tal-karta tal-identita' 114985M, liema numru jikkorrispondi man-numru tal-karta tal-identita' ta' Melanie Scicluna.[15] Kemm mix-xiehda ta' Marika Cutajar u dik ta' Vladislav Ciżek, l-inkwilin tal-fond li indirizz tiegħu kien jinsab indikat bħala l-post fejn dak l-oġġett postali kellu jiġi konsenjat, jirriżulta li dan l-oġġett postali kien ġie mqassam fl-indirizz 35, Triq Ir-Repubblika, Ir-Rabat, Malta. Minn dawn il-provi jirriżulta li dan l-oġġett postali kien imqassam nhar il-21 ta' Ġunju 2021 u li kien iffirma għalihom Vladislav Ciżek b'numru ta' identifikazzjoni 40470672.[16] Mix-xhieda ta' Ciżek jirriżulta wkoll li

[15] Ara NPS Report numru 7/Q/1925/2021 f'foljo 8 tal-atti proċesswali.
[16] Ara wkoll paġna 26 tal-atti proċesswali.

huwa kien irċieva ittri li ma kinux indirizzati lilu jew lill-membri tal-familja tiegħu u li din il-posta huwa, bħal ma jiġri dejjem, kien jgħaddiha lil Warren Abraham SCICLUNA.

46. L-oġġett postali reklamat mill-parte civile allura ġie pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li wasal fl-indirizz ta' dik li kienet ir-residenza li l-parte civile u tal-imputat, iżda li fiż-żmien rilevanti għal din il-kawża ma kienetx għadha aktar tikkostitwixxi r-residenza tagħhom, għalkemm it-tnejn jivvintawha bħala li hija proprjetà tagħhom. Ġie pruvat ukoll b'mod sikur li f'dan l-indirizz kienet qegħda tirrisjedi l-familja Cizek, b'titolu ta' lokazzjoni wara li l-istess fond ġie mikri lilhom mill- appellant. Ġie pruvat ukoll b'mod sikur li dan l-oġġett postali meritu ta' din il-proċedura kien ġie riċevut minn Vladislav Cisek u debitament konsenjat lill-appellant.

47. Ma ġiex pruvat b'mod sikur li dan l-oġġett postali ġie miftuħ jew li l-kontenut tiegħu ġie żvelat jew li l-kontenut tiegħu in kwantu vouchers ġew użati jew imsarrfa mill-appellant jew minn terzi persuni.

48. Biss ġie pruvat b'mod daqstant ieħor sikur li dan l-oġġett postali għalkemm wasal fl-indirizz diżenjat, baqa' effettivament ma wasalx għand id-destinatarju tiegħu. Dan allura jfisser li għalkemm l-oġġett postali ġie mibgħut mill-MIMCOL lil Melanie Scicluna fl-indirizz reġistrat tagħha li huwa 35, Triq ir-Repubblika, Ir-Rabat, Malta, u ġie debitament imwassal mill-Operatur Postali Maltapost plc f'dak l-indirizz. Kemm il-MIMCOL kif ukoll il-Maltapost qdew id-doveri tagħhom. Il-persuna li rċeviet dan l-oġġett postali – ir-resident f'dak l-indirizz ukoll jirriżulta pruvat soddisfaċentement li minn naħa tiegħu għadda dak l-oġġett postali lill-appellant li huwa kien jirrikonoxxi bħala s-sid tal-fond li huwa jikri mingħandu. Iżda minkejja dan jirriżulta wkoll pruvat b'mod sikur li xorta waħda dan l-oġġett postali baqa' ma wasalx fid-destinazzjoni aħħarija tiegħu. B'hekk ma jistax jingħad li l-għan tal-Liġi postali – iġifieri li fl-aħħar mill-aħħar il-"kunsinna dovuta" tal-oġġett postali ma seħħitx.

49. Għalkemm għall-Operatur Postali il-"kunsinna dovuta" tal-oġġett postali tiġi preżunta li saret meta huwa jwassal dak l-oġġett postali fl-indirizz indikat, fir-realta, tali "kunsinna dovuta" effettivament isseħħ hekk kif il-persuna li lilha dak l-oġġett postali jkun dovut li jitqassam tirċievi dak l-istess oġġett postali. F'dan il-każ, dik il-konsenja effettiva tal-oġġett postali de quo baqgħet ma seħħitx. Ġie pruvat b'mod sikur li Melanie Scicluna baqgħet ma

rċevietx dawk l-oġġetti postali ossija l-vouchers tal-Gvern u ma tafx x'sar minnhom. Fi kliemha stess f'paġna 17 hija tgħid:

> Difiża: Jekk actually ġewx imsarfien imma jiena qed ngħidlek?
> Xhud: Imsarfin? Mill-Police investigations iridu naraw. Jien ma nafx
> ..../....
> Difiża: Issa, dakinhar jiġifieri li għamlt (recte: għamilt) dawn il-verifiki inti saqsejtu lil Warren jekk kienx irċieva xi envelope biex forsi ħaseb li fih il-vouchers?
> Xhud: Jiena lil Warren ma nkelmux, inkelmu through my lawyer biss
> Difiża: U your lawyer jiġifieri għamel xi verifiki ma' Warrent irċeviex dan l-envelope?
> Xhud: Le ma għamilna l-ebda verifiki.

50. Ukoll, ix-xhud Stanley Mifsud, rappreżentant tal-MIMCOL, f'paġna 31 tax-xhieda tiegħu, tenna kif huma ma kellhomx informazzjoni dwar jekk il-'vouchers' issarfux jew le. B'hekk il-proċess huwa sajjem minn informazzjoni dwar x'sar minn dawn il-'vouchers' jew jekk qattx issarfu jew ntużaw mill-appellant SCICLUNA.

51. Illi mill-affidavit ta' PS 1236 f'paġna 3 et seq. tal-atti proċesswali, jirriżulta li l-appellant SCICLUNA ġie mitkellem mill-Pulizija dwar din il-mankata konsenja darbtejn: darba nhar is-6 ta' Awissu 2021 u darba oħra nhar it-23 ta' Awissu 2021. L-ewwel darba huwa rrilaxxja dikjarazzjoni mal-Pulizija u dan wara li ingħad li ġew amministrati lilu d-drittijiet legali tiegħu, irrifjuta dan id-dritt, u anke ffirma dikjarazzjoni li rrinunzja d-dritt tal-avukat. L-appellant ma jirriżultax li huwa kkontesta dan il-fatt jew il-fatt li huwa kien stqarr ma dak l-aġent tal-Pulizija dak li l-istess Surġent kiteb fl-NPS u eventwalment konfermat minnu bil-ġurament fl-affidavit tiegħu.

52. B'hekk jirriżulta mill-affidavit ta' PS1236 li Warren Abraham SCICULUNA stqarr miegħu s-segwenti:

> '..stqarr illi dan Vladislav Cizek (79207015) huwa Polakk li qiegħed jgħix ġewwa il-fond 35 Triq ir-Repubblika, Rabat u ikun hu li jiġbor il-posta imbagħad jgħaddiha lilu.
>
> Meta mistoqsi rigward il vouchers huwa jaf illi kien hemm tlitt envelopes fost il-posta l-oħra li iffirma għalihom l-istess Vladislav Cizek, fejn hu fetaħ tiegħu u t-tnejn l-oħra qiegħed jistqarr illi kiteb fuqu li l-individwu magħdux joqgħod hemm u impustah lura lil posta bħalma dejjem jagħmel. Huwa għalaq jgħid illi Melanie ilha li telqet sitt snin u il-posta dejjem bagħatielha lura'.

53. Meta ġie mitlub imur l-Għassa mbagħad nhar it-23 ta' Awissu 2021, SCICLUNA jirriżulta li ma rrilaxxja l-ebda stqarrija hekk kif għażel li jeżerċita d-dritt tas-silenzju.

54. Mistqarr dan però, inidipendentement minn dak li l-appellant setgħa iddikjara mal-Pulizija nhar is-6 ta' Awissu 2021, l-appellant ħa l-linja difensjonali li tgħid li huwa dejjem aġixxa skont il-prassi ddettata mill-bwon sens fejn huwa ġaladarba ma kienx għandu kuntatt ma' l-eks martu, huwa kien jimmarka l-envelopes bħala li l-persuna konċernata ma kienetx għadha tirrisjedi f'dak il-fond u mpostaha lura fil-kaxxa postali tal-Maltapost. Huwa sostna li dan ma kienx jagħmlu b'malizija imma bħala prassi komuni u li kulħadd kien jaf li meta wieħed jitfa oġġett postali lura f'waħda mill-kaxxi postali tal-Maltapost dan aktar tard jinġabar mill-pustier u jittieħed lura l-posta fejn jekk ikun hemm indirizz indikat minn fejn l-oġġett postali kien intbagħat, dan jintbagħat lura f'dak l-indirizz.

55. Għaldaqstant, minn din il-linja difensiva, din il-Qorti tikkunsidra li l-appellant jaċċetta li meta ġew f'idejh l-oġġetti postali – allura inkluż dawk l-envelopes kontenenti l-'vouchers' li kien għaddhielu Cizek - minflok għaddiehom lill-martu Melanie Scicluna bħala d-destinatarja ta' dak l-oġġett postali, għażel li jiddepożitahom lura fil-kaxxa postali tal-Maltapost mingħajr ma jirriżulta li huwa taha xi indirizz alternattiv ta' fejn kienet qiegħda tirrisjedi l-istess. Fil-fatt mill-provi ma jirriżultax jekk l-appellant kienx jerġa jibgħat dik il-posta lura fil-kaxxa postali tal-Maltapost bl-indirizz fejn effettivament kienet qegħda tirrisjedi l-parte civile jew jekk kienx jibgħathom lura biss b'indikazzjoni li l-persuna indikata bħala destinatarja ma kienetx għadha tirrisjedi f'dak l-indirizz indikat. Biss jibqa' l-fatt li din l-allegazzjoni tal-appellant kienet dikjarazzjoni li ġiet rappurtata minn PS1236 bħala li saret miegħu mill-appellant. L-appellant ma ressaq ebda prova oħra li dak li ġie rappurtat minn PS1236 kien jikkorrispondi mal-verita tal-fatti kif ġraw.

56. Il-kwistjoni marbuta mat-tqassim tal-posta id-destinatarji debiti tagħha hija kwistjoni li l-Liġi titrattaha b'serjeta liema bħalha. Dan huwa muri mill-fatt li r-reat kontra din il-Liġi li tirregola l-posta fiha pieni ħorox għal min jinstab li jkun kiser id-disposizzjonijiet tagħha b'mod li jkun mar kontra l-invjolabilita tal-posta u t-tqassim effettiv tagħha lid-destinatarju debitu. Tant hu veru li l-artikolu 62(h) tal-Kapitolu 254 tal-Liġijiet ta' Malta huwa pernjat fuq hekk. Ġaladarba din il-Liġi ma ssemmix kif persuna tista' doložament tagħmel att li bih il-kunsinna dovuta ta' oġġett postali ma titħalliex issir jew tiġi

mdewwma milli ssir, u ladarba l-enfażi magħmula minn din il-liġi hija mqegħda fuq il-kunċett tal-"kunsinna dovuta" fis-sens li l-kunsinna tal-oġġett postali trid tkun effettivament waslet għand id-destinatarju tagħha u mhux biss sempliċiment fl-indirizz postali indikat, huwa għalhekk li l-Qorti tkun trid tistħarreġ iċ-ċirkostanzi ta' kull każ partikolari biex tara jekk fil-każijiet kongruwi jkunx jista' jitqies li jkun ġie integrat dan ir-reat fejn allura din il-kunsinna dovuta ma tkunx saret lid-destinatarju tagħha grazzi għall-intervent doluż da parti ta' xi persuna partikolari.

57. Kif intqal, ma jirriżultax ċar jekk l-appellant kienx jaf l-indirizz ta' fejn kienet tirrisjedi Melanie Scicluna. Biss ġie rappurtat li qal li meta huwa kien jiġi fil-pussess ta' oġġetti postali indirizzati lilha huwa kien jikteb fuq l-oġġett postali li l-individwu ma għadux joqgħod hemm u jimpustah lura lil posta. Huwa evidenti li billi għamel hekk biss, u sakemm huwa ma jkunx indika l-indirizz postali fejn il-persuna destinatarja setgħet effettivament tirċievi dak l-oġġett postali, huwa kien jaf jew almenu setgħa faċilment jipprevedi li l-Operatur Postali kien sejjer ikun imqiegħed fl-impossibilita' li jwettaq il-kunsinna dovuta ta' dak l-oġġett postali ġaladarba mingħajr għarfien fejn effettivament ikun jista' jkun jinstab id-destinatarju tal-oġġett postali l-Operatur ma jkunx possibbli għalih li jwettaq il-kunsinna dovuta.

58. Iżda f'dan il-każ, ġie soddisfaċentement pruvat li l-appellant ġie fil-pussess ta' dan l-oġġett postali indirizzat lil Melanie Scicluna. U allura l-mument li huwa ġie fil-pussess ta' tali oġġett postali, huwa – anke jekk ma riedx – ġie issa jifforma parti minn dik il-ħolqa loġistika li permezz tagħha tkun tista' ssir il-kunsinna dovuta. Bosta drabi din il-kunsinna dovuta xorta waħda tista' tibqa' ma ssirx f'dawk il-każijiet fejn il-persuna li tkun ġiet fil-pussess ta' oġġett postali dovut li jiġi kunsinnat lil destinatarju partikolari ma tkunx taf min hu dak id-destinatarju jew ma tkunx taf fejn ikun jista' jinstab jew fejn jirrisjedi jew kif jista' jsir kuntatt miegħu biex tkun tista' ssir il-kunsinna. Iżda anke hemm f'dak il-każ il-persuna li tiġi fil-pussess ta' dan l-oġġett postali għandha dmir li tirritorna lura lill-Operatur Postali dak l-oġġett postali u tispjega ċ-ċirkostanzi għaliex dik il-kunsinna dovuta ma tkunx saret. Ikun għaqli għal tali persuna li żżomm prova ta' dan.

59. Iżda fejn il-persuna li tkun ġiet fil-pussess t'oġġett postali dovut li jiġi kunsinnat tkun taf min hu d-destinatarju tiegħu jew tkun taf fejn ikun jinstab jew jirrisjedi jew kif jista' jsir kuntatt miegħu biex tkun tista' ssir il-kunsinna, f'dak il-każ tali persuna ma tistax tibqa' inattiva in kwantu l-inerzja tagħha tista' tinkorriha fir-reat kriminali de quo.

60. F'dan il-każ huwa minnu dak li jgħid l-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu li ġaladarba martu ma kienetx għadha tirrisjedi f'dak il-fond li tiegħu kienet għadha tuża l-indirizz bħala indirizz postali kien jispetta lilha li tidderieġi lil Maltapost biex il-posta tagħha tiġi diretta lejn l-indirizz postali veru tagħha. Huwa minnu wkoll li l-parte civile ma kellhiex tħallat il-kwistjoni tal-jeddijiet patrimonjali tagħha fuq id-dar fejn kienet baqgħet tirċievi dik il-posta mal-kwistjoni tal-indirizz reġistrat tagħha.

61. Iżda minkejja dan, ġaladarba l-appellant kien għadu jirċievi posta li kienet indirizzata lill-eks martu f'dak l-indirizz, u huwa jirriżulta li ġie fil-pussess ta' dik il-korrispondenza, huwa kien issa allura ġie milqut mill-obbligu mnissel mill-artikolu 62(h) tal-Kapitolu 254 tal-Liġijiet ta' Malta ossija li ma setgħax jagħmel azzjoni doluża li permezz tagħha ma jħallix li ssir il-kunsinna dovuta ta' dak l-oġġett postali jew li jdewwem il-kunsinna dovuta ta' dak l-oġġett postali lid-destinatarja tiegħu – li żgur kien jaf ben tajjeb min hi u li kellu wkoll mezz ta' kif ikun jista' jsir kuntatt magħha. F'dawk iċ-ċirkostanzi l-appellant ma setgħax jinjora dik il-posta jew ma jieħux azzjoni dwarha, jew jiġi jaqa' u jqum jekk dik il-posta titqassamx lid-destinatarju tagħha jew le.

62. Fil-fatt l-għemil doluż li jsemmi l-artikolu 62(h) tal-Kapitolu 254 tal-Liġijiet ta' Malta jista jkun egħmil konsistenti f'att ta' kommissjoni daqskemm f'att ta' omissjoni. U allura f'każ bħal dan fejn ikun jirriżulta palam li l-persuna li tkun irċeviet oġġett postali dovut li jiġi kunsinnat lil destinatarju kienet taf ben tajjeb min dan id-destinatarju kien u kif setgħa jsir kuntatt miegħu, kien jinkombi fuq din il-persuna li tkun irċeviet dik il-posta li turi li ħadet l-azzjoni meħtieġa biex tali oġġett postali ssir il-kunsinna dovuta tiegħu fis-sensi tal-Liġi. Dan l-obbligu ma jkunx sodisfatt billi sempliċiment b'dak li jkun jerġa jimposta lura dak l-oġġett postali fil-kaxxa tal-ittri – aktar u aktar jekk ma jkunx hemm indikat l-indirizz postali proprjetà tad-destinatarju tal-oġġett postali meta dan ikun magħruf minn dik il-persuna.

63. Għalhekk f'każ bħal dan, fejn l-appellant kien jaf ben tajjeb min kienet id-destinatarja ta' dak l-oġġett postali, kif ukoll kellu idea ċara ta' kif din id-destinatarja setgħa jsir kuntatt magħha, il-kwistjoni tad-dolożita tal-azzjoni tal-appellant għall-fini tal-integrazzjoni ta' dan id-delitt f'dan il-każ setgħet tiġi deżunta mill-fatti segwenti:

64. L-appellant u d-destinatarja, ċjoe l-eks martu, kienu jafu lil xulxin tajjeb. Bejniethom kien hemm relazzjoni li falliet u li ħalliet relazzjoni kontenzjuża konsistenti f'numru ta' rapporti reċiproċi u kawżi ta' indole ċivili kif ukoll penali. Dan huwa pruvat mix-xiehda tal-parte ċivile. Mill-linja difensjonali tal-appellant jirriżulta li jekk huwa reġa' imposta l-oġġetti postali ġewwa l-kaxxa postali mingħajr indikazzjoni ta' indirizz alternattiv, huwa seta' faċilment jipprevedi l-konsegwenza tal-azzjoni voluta tiegħu ċjoe li dak l-oġġett postali ma kienx sejjer jiġi debitament kunsinnat lil persuna dovuta peress li d-destinatarju ma kienetx tirrisjedi f'dak l-indirizz – **<u>minkejja li huwa kien f'qagħda li jista' jassigura li tali kunsinna dovuta setgħet issir</u>**.

65. B'hekk allura ma jistax jingħad li l-appellant kien negliġenti f'din l-azzjoni tiegħu, u dan għaliex huwa setgħa jipprevedi li bl-azzjoni voluta tiegħu li jerġa jimposta lura dak l-oġġett postali mingħajr indirizz postali korrett, huwa setgħa faċilment jipprevedi li l-event ossija l-konsegwenza tal-azzjoni tiegħu kienet se tkun il-mankata konsenja effettiva ta' dak l-oġġett postali lid-destinatarja tiegħu – u dan minkejja li huwa setgħa faċilment jevitah bl-għarfien li huwa kellu dwar kif id-destinatarja setgħet tiġi milħuqa.

66. F'dan il-każ, għalkemm ġie pruvat anke mix-xiehda tal-parte civile li l-appellant u l-parte civile ma kienux jitkellmu bejniethom, huma però xorta waħda baqgħu f'kuntatt indirett ma xulxin tramite l-avukati tagħhom li kienu qegħdin jiggwidawhom fil-proċeduri kontenzjużi ta' bejniethom. Jirriżulta li meta xehdet il-parte civile fit-8 ta' Lulju 2022, hija tgħid li l-proċeduri legali bejnha u bejn l-appellant kienu ilhom għaddejjin għal erba' snin. Allura dan ifisser li fiż-żmien rilevanti għal dan il-każ, għalkemm huwa verosimili li l-appellant u l-parte civile ma kienux jitkellmu, huwa indubju li l-appellant kellu mezz kif ikun jista' jikkomunika – għalkemm indirettament - mad-destinatarja ta' dak l-oġġett postali. Allura huwa kien f'qagħda li mhux biss jaf lid-destinatarja, iżda kellu wkoll mezz kif jagħmel kuntatt magħha biex hi tkun taf li kien ġie fil-pussess ta' oġġett postali destinat lilha u kellu wkoll il-mezzi kif l-istess oġġett postali jkun jista' jsir il-kunsinna dovuta tiegħu lilha.

67. L-appellant f'dan il-każ kellu s-setgħa li jinforma lill-avukat tiegħu b'dak il-fatt li kien riċevitur ta' oġġett postali destinat lil martu b'mod li allura dan setgħa jieħu dawk il-proċeduri opportuni biex dik il-posta tiġi mgħoddija lid-destinatarju tagħha b'mod għalhekk jeħles mir-responsabilita li huwa jkun sab ruħu fiha meta spiċċa fil-pussess

t'oġġett postali dovut li jiġi kunsinnat lil martu; jew fil-każ li din ma tkunx trid tirċievi tali oġġett postali, huwa jkun jista' jiddepożitah taħt l-awtorita tal-Qorti biex jeżimi ruħu minn kull responsabilita dwaru. Dan kollu kien fil-poter tal-appellant, iżda huwa għażel li ma jagħmel xejn minn dan.

68. U allura dawn iċ-ċirkostanzi u fatti kollha li jsawru dan il-każ iwassal lil din il-Qorti tikkonkludi li fl-aħħar mill-aħħar dak l-oġġett postali destinat lil parte civile u li ġie fil-pussess tal-appellant ma ġiex debitament kunsinnat lilha mhux sforz ta' xi casus, jew ta' xi negliġenza jew imprudenza da parti tal-appellant, iżda sforz ta' att magħmul b'intenzjoni parti tiegħu li ma riedx li dak l-oġġett postali fil-fatt jitwassal lid-destinatarja tiegħu meta huwa kellu s-setgħa li jara li dan ikun jista' jsir.

69. Dak l-att tal-appellant f'dawn iċ-ċirkostanzi, allura jwasslu lil din il-Qorti li tqis li jinkwadra ruħu fir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 62(h) tal-Kapitolu 254 tal-Liġijiet ta' Malta in kwantu l-appellant, b'intenzjoni pożittiva tiegħu ra li dak l-oġġett postali ma ssirx il-kunsinna dovuta tiegħu, meta kien jaf min kien id-destinatarju tiegħu, kien konxju mill-fatt li huwa setgħa jagħmel kuntatt ma dak id-destinatarju, u kellu wkoll il-mezzi kemm legali kif ukoll fattwali biex huwa setgħa jeżimi ruħu mir-responsabilita li sab ruħu fiha meta wasal f'idejh dak l-oġġett postali. Iżda għażel li minflok jagħmel azzjoni li faċilment biha setgħa jipprevedi li ma kienetx sejra twassal għall-kunsinna dovuta ta' dak l-oġġett postali f'kuntest fejn huwa kellu s-setgħa jara li dan effettivament jasal għand id-destinatarju tiegħu li kien kemm magħruf kif ukoll kontattabbli minnu. B'hekk jiġi li bl-azzjoni intenzjonata għamel att ta' omissjoni jew kommissjoni li minħabba fih ma ħalliex li ssir il-kunsinna dovuta ta' oġġett postali għand id-destinatarja tiegħu, Melanie Scicluna.

70. Ikun jikkonsegwi li filwaqt li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment issib ħtija fl-appellant għar-rigward tat-tieni imputazzjoni, fil-kontemp dik il-Qorti ma setgħetx ukoll legalment u raġonevolment issib ħtija fl-imputat appellant għar-reat ta' ragion fattasi kif miġjub f'din l-ewwel imputazzjoni u dan għar-raġunijiet spjegati iżjed il-fuq.

71. Għaldaqstant, din il-Qorti qiegħda tilqa' l-aggravji numru wieħed sa tlieta tal-appellant u dan mhux daqstant għaliex ir-reat ta' ragion fattasi ma jirriżultax li ġie ppruvat sal-grad rikjest mil-Liġi (mertu tat-tielet aggravju) iżda għaliex hekk kif espost mill-appellant

fl-ewwel gravam minnu miġjub, l-elementi tar-reat ikkontemplat f'din l-ewwel imputazzjoni huma nieqsa.

72. Mhux l-istess jista' jingħad għall-aggravju numru tnejn in kwantu dan qiegħed jiġi respint għar-raġunijiet kif esposti iktar 'il fuq f'din il-parti tas-sentenza.

## Ikkunsidrat

## Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena mertu tar-raba' u l-aħħar aggravju tal-appellant.

73. In kwantu għall-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati, huwa prinċipju ormai stabbilt li f'materja ta' appell minn piena, sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita' li jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill- Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005 :

> It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):
>
> "The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle."
>
> Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range

for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed." This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

74. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal- aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell Kandemir u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l- appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti.

75. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil- prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli għall-offiża in kwistjoni u għaċ-ċirkostanzi tal-ħati u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-**sentenza Ir- Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti:

Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirriżultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il- piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita`

perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

76. Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza Butler tqis anke, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta' l-ewwel qorti.

77. Magħdud dan kollu din il-Qorti tirrileva li in kwantu għall-piena imposa b'rabta mas-sejbien ta' ħtija f'din l-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant, din sejra tiġi mħassra sabiex tirrifletti l-kunsiderazzjonijiet magħmula iktar 'il fuq f'din is-sentenza.

78. Għal dak li jirrigwarda t-tieni imputazzjoni, din il-Qorti tqis li multa ta' tliet elef Euro (€3000) mhix biss tirrientra fil-parametri preskritti mil-Liġi talli tqarreb lejn il-minimu aktar milli lejn il-massimu preskritt mil-Liġi għall-ksur tal-Artikolu 62 tal-Kapitolu 245 tal-Liġijiet ta' Malta. Kif intqal, din id-dispożizzjoni tal-Liġi tippreskrivi anki piena konsistenti fi priġunerija jew għall-multa u priġunerija flimkien u l-multa tista' titla' sa massimu ta' ħamsa u għoxrin elf Euro (€25,000). Apparti minn hekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet tara wkoll li f'dan il-każ, bejn il-partijiet kien hemm relazzjoni kontenzjuża li waslet għal diversi proċeduri ċivili u kriminali. B'hekk setgħet tara wkoll element ta' pika bejn il-partijiet li tkun tipika f'każijiet bħal dawn. Dan jista' jkun ukoll rifless fl-azzjoni tal-parte civile li allura żammet l-indirizz postali tagħha fuq dik li kienet ir-residenza tagħhom. F'dan is-sens l-appellant jiġbed l-attenzjoni ta' din il-Qorti fil-paragrafu 3.3 tar-rikors tal-appell tiegħu. Minħabba f'hekk din il-Qorti tordna wkoll li kopja ta' din is-sentenza tiġi komunikata lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga l-allegazzjoni magħmula mill-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu u sabiex tittieħed kwalunkwe azzjoni li tista' tirriżultalu f'dak ir-rigward.

79. Sadattant però, għar-raġunijiet imsemmija iżjed il-fuq, għalkemm l-appellant sejjer jiġi meħlus milli jħallas il-multa ta' elfejn euro (€2000) komminati lilu b'riferenza għar-reat ta' ragion fattasi li tiegħu ġie misjub ħati mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) iżda li minnu

sejjer jiġi liberat minn din il-Qorti, mill-banda l-oħra din l-istess Qorti ma tqisx li l-piena ta' multa ta' tliet elef euro (€3000) komminata lill-appellant in segwitu għas-sejbien ta' ħtija fir-rigward tat-tieni imputazzjoni hemm lok li tiġi disturbata f'dan ir-rigward.

# Deċide

**Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dan l-appell billi tħassar is-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni biex b'hekk tiddikjara lill-appellant mhux ħati tar-reat ta' ragion fattasi miġjub kontra tiegħu fl-ewwel imputazzjoni u minnha tilliberah minn kull ħtija u piena biex konsegwentement tħassar ukoll dik il-parti tas-sentenza fejn għal dan ir-reat il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet ikkundannatu għall-piena ta' multa ta' elfejn euro (€2000); mill-banda l-oħra tikkonferma s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant ħati tat-tieni imputazzjoni dedotta kontra tiegħu kif ukoll f'dik il-parti fejn għal din is-sejbien ta' ħtija dwar it-tieni imputazzjoni ikkundannatu għall-piena ta' multa ta' tliet elef euro (€3000).**

**Inoltre, kif ingħad fil-paragrafu 78 ta' din is-sentenza tordna li kopja ta' din is-sentenza tiġi komunikata lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex dan jinvestiga l-allegazzjoni li saret dwar Melanie Scicluna fil-paragrafu 3.3 tar-rikors tal-appell tal-appellant.**

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**